Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2891

14.11.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2891**

**tat-13 ta’ Ġunju 2024**

**dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta’ *data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 87(2), il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-7 ta’ Diċembru 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Kanada għal Ftehim dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta’ *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (Passenger Name Record, PNR) għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità tranżnazzjonali serja oħra.

(2) In-negozjati dwar Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar tad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (il-“Ftehim”) ġew ikkompletati b’suċċess f’Lulju 2023. It-test tal-Ftehim ġie inizjalat fis-27 ta’ Novembru 2023.

(3) Il-Ftehim jipprevedi t-trasferiment tad-*data* tal-PNR lill-Kanada għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ kriminalità serja u terroriżmu.

(4) Il-Ftehim jiżgura r-rispett sħiħ għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust kif rikonoxxuti fl-Artikoli 7, 8 u 47, rispettivament, tagħha. B’mod partikolari, il-Ftehim jinkludi salvagwardji adegwati għall-protezzjoni ta’ *data* personali trasferita skont dan.

(5) F’konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta’ ittra tal-25 ta’ April 2024, ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni..

(6) F’konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

(7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ta l-Opinjoni tiegħu 15/2024 fid-29 ta’ April 2024.

(8) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat.

(9) F’konformità mat-Trattati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar f’isem l-Unjoni tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar tad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri huwa b’dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi ([1]).

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-iffirmar tal-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu,.

([1]) It-test tal-Ftehim ser jiġi ppublikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta' Ġunju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. DE MOOR